QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

ONOR. IMHALLEF DR. JOSEPH G. GALEA DEBONO BA. LL.D.

SEDUTA TAL-HAMIS, 18 t'April, 2002.

Appell Nru. 213/2001 II-PULIZIJA.

(Spettur Mario Buttigieg.)

vs.

KENNETH BORG.

Il-Qorti

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-28 ta' Lulju, 2000 li biha hu gie akkuzat talli fit-18 ta' Lulju, 1999 ghall-habta tas-1.30 am. fi Triq il-Kosta tas-Salina, saq vettura numru GSI 160
(1) b'giri aktar milli jmissu;
(2) b'manjiera perikoluza;
(3) bla kont;
(4) b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' David Borg skond kif verbalment iccertifikaw Dr. Mary Rose Cassar, M.D. u Dr. Zrinzo M.D., ta' St. Luke's Hospital,
(5) u aktar fl-istess incident, ikkaguna hsara fis-'safety barrier' ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta.
Bit-talba tal-Prosekuzzjoni li jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 ta' Novembru, 2001 li biha, billi fil-fehma ta' dik il-Qorti l-incident kien gie ikkagunat biss bir-responsabbilta' unika ta' Kenneth Borg, sabet lill-imputat appellant hati tat-tielet u r-raba akkuza, pero' illiberatu mill-ewwel tnejn u dwar il-piena rat l-art. 15, 18 tal-Kap.65, l-art. 266 tal-Kap.9 u ikkundannatu ghal multa ta' mitejn lira Maltin (LM200) u issospendietu milli jkollu jew izomm licenzji tas-sewqan ghal tlitt xhur mid-data tas-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant tas-27 ta Novembru, 2001 li bih talab li tikkonferma is-sentenza fejn tirrigwarda l-ewwel zewg akkuzi, tirrevokha thassar u tbiddel il-kumplament tas-sentenza fis-sens li ma issibux hati tat-tielet u r-raba akkuza talli saq bla kont u ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' David Borg u tilliberah minnhom ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u f'kaz li din il-Qorti ssib il-htija, tirriforma is-sentenza fis-sens li taghti piena aktar moderata u idonea ghac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant li fil-qosor huma li:- ma hemmx provi li ma jhallu ebda dubju dettat mir-raguni li juru li l-incident in kwistjoni sehh ghaliex l-appellant kien qed isuq "bla kont" li l-appellant kien skiddja fuq xi materjal (zejt jew diesel) li hu m'ghandux ikun responsabbli ghax il-passiggier David Borg li kien riekeb wara kien rieqed u ma hax hsieb persuntu u b'hekk wegga fl-incident u li ladarba il-kaz kien wiehed purament ta'accident ikkagunat minn zejt jew diesel, l-appellant m'ghandux iwiegeb u jinstab hati ta' ebda akkuza, u li jkun ta' hardship kbir ghall-appellant jekk tigi sospiza il-licenzja tieghu ghax ikun irid

imur ghax-xoghol bil-car kmieni filghodu u ghalhekk ghandha titnaqqas is-sospensjoni u l-multa.

Semghet it-trattazzjoni u rat l-atti kollha processwali inkluz ix-xhieda traskritti;

Ikkunsidrat;

Illi dan il-kaz jittratta habta tal-karozza Suzuki numru GSI-160 misjuqa mill-appellant mall-crash barrier li kien hemm max-xellug tat-triq inti u sejjer fid-direzzjoni ta' Bahar ic-Caghaq u San Giljan minn-naha ta' San Pawl il-Bahar fis-Salina Coast Road. Ma kienux involuti vetturi ohra u il-habta grat meta is-sewwieq tilef il-kontroll tal-vettura tieghu u baqa' diehel fil-barrier max-xellug tieghu waqt li qed jinnegozja liwja lejn il-lemin tieghu. Bhala rizultat tal-incident saret hsara fil-karozza tal-appellant, fil-crash barrier u wegga ukoll il-passiggier li kien riekeb fuq wara David Borg. L-appellant qed igib 1-quddiem id-difiza ta' skid u li hu ma kellux htija ghax dak li gara li kien "accident".

Ikkunsidrat,

Illi gie ritenut minn din il-Qorti li jekk sewqan hux (1) negligenti; jew (2) bla kont jew (3) perikoluz hija kwistjoni ta' "degree" (App. Krim. Pol. vs. Charles Bartolo,14.3.59; Pul vs. Wilson Vol. XXXIX, p.1018; Pul. vs. Alfred Vella, Vol. XLIV p. 933 u ohrajn) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom - l-aghar is-sewqan perikoluz (App. Krim. Pol. vs. Hardingham,19.10.63). Illi ukoll gie ritenut li biex jintegra ruhu ir-reat ta' sewqan perikoluz hemm bzonn ta' certu grad ta' "recklessness" (App. Krim. Pol. vs. Charles Farrugia, Vol. XXXIX, p.1018). "Recklessness" giet defenita bhala "wilfully shutting one's eye" (App. Krim. "Pul vs. Joseph Aquilina" 20.4.63). Sewqan negligenti ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita is-sinistri stradali (App. Krim. Pul. vs. Antonio Spiteri, Vol. XLIV. p.892).

Illi umbaghad gie ukoll ritenut minn din l-Qorti li "accident jista' minnu nnifsu jidher li x'aktarx gara minhabba htija ta' xi persuna milli ghal kawzi ohra. Hawnhekk, fuq il-bazi tal-principju tar-"res ipsa loquitur" jaqa' fuq dik il-persuna il-piz tal-prova biex juri li f'dak li gara ma kellux htija." (App. Krim. Pul. vs. Nazzareno Farrugia**,** Vol. XXXIII**,** p.968). Dan ghaliex jistghu jigu assodati serje ta' fatti li jikkostitwixxu dak li "in subiecta materia" jissejjah "res ipsa loquitur" - "in such circumstances, the facts speak for themselves if no explanation is given by the defendant" (Ara DAVIES fil-"Law of Road Traffic" citat b'approvazzjoni minn din il-Qorti fl-appell : 'Pul. vs Cassar Desain; 13.1.1962) S'intendi il-grad ta' prova fil-kaz ta' akkuzat jasal biss sa dak tal-probabilita' u mhux tenut li jipprova beyond "a reasonable doubt" kif jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni.

Illi fil-kaz in ezami l-appellant qed iqajjem id-diviza tal-"casus" kagjonata minn skiddjar tal-vettura tieghu. Illi gie ritenut appropositu minn din il-Qorti li: "F'materja ta' "skidding" il-principju regolatur ma jistax hlief ikun dan. L-skid wahedha mhix la prova ta' negligenza u lanqas skriminanti. Hemm bzonn li jigi indagat jekk kienx hemm negligenza antecedenti jew konkomitanti. Jekk negligenza simili tirrizulta, allura hemm ir-responsabbilta' nonostante l-"skid". Jekk ma tirrizultax, allura l-"skid" hija "a good defence" ghax tkun "inevitable accident'. Ghaldaqstant biex tirnexxi id-difiza tal-"skid", jinhtieg li l-imputat jipprova mhux biss l-"skid" dovuta ghall-art tizloq imma ukoll li l-"skid" saret bla ebda negligenza tieghu u li hu jkun ha l-prekawzjonijiet kollha li ghandu jiehu driver prudenti meta l-art tkun tizloq. Meta driver jipprova mhux biss il-fatt tal-"skid" "sic et simpliciter", imma jipprova ukoll li -

"skid" saret bla ebda htija tieghu, izda accidentalment b'mod li l-vettura, bla htija tieghu u accidentalment, saret inkontrollabbli, allura hija eskluza in-negligenza li taghti lok ghar-responsabilta' kriminali." (Il-Pul. vs. Carmel Cachia - Vol. XXXVII, iv. p.920).

Gie ukoll ritenut minn din il-Qorti fl-Appell: Il-Pulizija vs. J. Cost Chritien (Vol. XXXVII, iv. p. 873) li "meta tissuciedi kollizzjoni minhabba li wahda mill-karozzi tkun skiddjat, id-driver tal-karozza li skiddjat huwa responsabbli jekk ma gharafx jaghmel il-manuvra mehtiega biex jevita u jnaqqas l-skiddjar meta kellu z-zmien biex jaghmel dan u hu aktar responsabbli jekk jaghmel xi manuvra li tipprovoka l-aggravament tal-iskiddjar. Ghax l-imperizja fis-sewqan bhas-sewqan hazin hija htija."

Ikkunsidrat,

Illi din il-Qorti fliet bir-reqqa il-provi traskritti quddiem l-ewwel Qorti. Irrizulta li il-ferita fuq David Borg hija wahda gravi u ser thalli inkapacita' u dizabilita' permanenti fuqu. (fols. 25, 31-33) apparti li kif xehed Dr. Zrinzo ic-cappa demm li kellu f'rasu setghet toqtlu. Irrizulta li id-danni fil-boundary railings tal-Gvern kienu jammontaw ghal LM126.98c, (ghalkemm fuq din l-imputazzjoni - il-hames imputazzjoni - l-ewwel Qorti jidher li baqghet ma iddecidietx). Michael Farrugia, front seat passenger fil-karozza misjuqa mill-appellant xhed : "Jista' jaghti l-kaz li kien hemm xi naqra nida. Zgur li Kenneth ma kienx ghaddej bi speed, kien isuq bi speed normali". Xehed ukoll "Ma jidhirlix li minn gol-karozza hareg iz-zejt, lanqas neskludi li infaqa' s-sump tal-karozza." David Borg li kien riekeb wara kien rieqed. Jaf li kienu gejjin minn Bugibba. P.S. 508 Bezzina,li investiga l-incident, mistoqsi "Diesel ma rajtx mall-art?" wiegeb : "Ma xammejtx." Qal li l-kondizzjoni tat-triq kienet tajba.

L-appellant xehed hekk dwar l-incident :- "Konna nezlin lura lejn id-dar u kif qbadna l-Coast Road u giet fil-kantuniera, l-karozza tilfet il-kontroll u spiccajna gol-"barrier" igifieri. Ma l-art nahseb li kien hemm xi haga, xi materjal jizloq, hux. Kien hemm hafna, igifieri wara li waqfet il-karozza u nzilt kien hemm hafna wara l-karozza. Kien hemm hafna jew petrol jew ma nafx x'kien". Mistoqsi jekk harigx il-petrol mill-car tieghu wiegeb : "Le petrol xejn ma hareg." Mistoqsi kemm kien qed isuq wiegeb : "Mhux aktar minn hamsa w erbghin (45) zgur."(kilometri). Mistoqsi dwar il-marki tat-tyres l-appellant kien wiegeb : "ma nafx kif ghandi l-marki 'l hemm u l-karozza qeghda 'l hawn". Mistoqsi kif qed jalludi li kien hemm iz-zlieq ma l-art, l-appellant wiegeb 'heqq ghax il-karozza ma kienetx ilha gurnata ghandi hux". u 'Da zgur ghax f'dik il-kantuniera jiena dawwart l-steering u baqghet miexja dritta." Il-car spiccat total loss. L-appellant xehed ukoll li "kif ittawwalt, wara l-karozza kull ma kien hemm xi haga tleqq kbira mall-art. U petrol ma harigx."

Mill-provi li huma skarsi ferm jirrizulta biss li l-appellant kien qed isuq lejn San Giljan u meta wasal fil-bend il-karozza gibditlu "at a tangent' lejn ix-xellug u baqa' diehel fl-barrier li hemm mall-gemb xellugi tat-triq. Fl-isketch redatt minn PS 508 Bezzina jidhru zewg tyre marks ta' naha wahda ovvjament ta' rota tal-lemin ta' quddiem twil 6.20 metri u iehor tar-roti tax-xellug parrallell mieghu twil 7.70 metru ippuntati tangentjalment lejn il-barrier max-xellug u jaslu sa tahtha. Tal-lemin kien jasal bi dritt il-wara tal-car tal-appellant li kellha il-pinna ta' wara tax-xellug 2.20 metru 'l barra minn tarf dan it-tyre mark Huwa rilevanti li is-Surgent ma immarka ebda zjut fis-superficje tat-triq fejn l-incident jew wara l-car mahbuta. Anzi jghid li lanqas biss xamm xi haga.

lssa hu risaput li skid jissucciedi ghax it-tyres jitilfu il-"grip" fuq it-triq u jibdew jivvjaggjaw

fuq "film" irqieq ta' likwidu bhal ilma, zejt, jew petrol u ghalhekk ma jkunux jistghu jiggvernaw il-vettura aktar. Pero' il-fatt li jkun hemm skid ifisser li ma jkunx hemm "friction" jew "traction" bejn ir-roti u s-superficje tat-triq. Meta ghall kuntrarju jinstabu brake marks jew tyre marks, dan ifisser li jkun hemm hakk jew friction aktar minn normal mas-superficje tat-triq, tant li il-gomma tat-tyre tinqala minn mat-tyre u tehel mas-superficje tat-triq b'mod li thalli il-marka u t-traccjat tal-gomma fuq wicc it-triq. Ghalhekk is-sejbien tat-tyre marks huwa l-antitesi tad-dinamika ta' skid. It-tnejn ma jistghux jikkoezistu. Jew skiddjajt u t-tyres inqatghu minn mas-supoerficje tat-triq, jew ibbrejkjajt u t-tyres hakkew u hallew parti mill-gomma mat-triq. Jew wahda jew l-ohra. Issa fil-kaz in ezami P.S. Francis Bezzina mhux talli ma innota ebda zejt jew petrol lura mill/jew fil-vicinanzi tal-karozza izda lanqas biss xamm dan, anzi ,ghal kuntrarju sab brake marks li jaslu sa fejn spiccat il-karozza. Jekk jaslu biss sal-wara tal-car, dan ma jfissirx li mhumiex tal-istess car, ghax hu maghruf li mad-daqqa mall-barrier, dak li jkun jitlaq il-pedala tal-brake u l-car tibbawnsja 'l barra u mhux improbalii jew eskluz li dawn il-marki tat-tyres huma tal-car misjuqa mill-appellant.
Illi kif gja intqal, kull driver hu prezunt u mistenni li jkollu kontroll shih fuq il-vettura tieghu u jekk hu jitlef dan il-kontroll irid jaghti spjegazzjoni ghala gralu hekk li tkun tikkonvinci ghall-inqas sal-grad tal-probabbilta'. Mela fil-kaz in ezami hu l-appellant li irid jaghmel dan ghaliex il-fatt li hu dahal fil-barrier meta mhux suppost jitfa' l-oneru ta' tali spjegazzjoni fuqu. Fil-fehma umili ta' din il-Qorti l-ispjegazzjoni li ta l-appellant la hija wahda konvincenti u ftit li xejn tidher probabbli konsidrat il-prezenza tat-tyre marks fuq imsemmija li instabu wara il-car tieghu li jindikaw mhux skid imma addirittura "braking" brusk ghax il-karozza baqghet hierga "at a tangent', kif jaghmlu il-karozzi meta jiehdu "bend" qawwija bi speed aktar minn dak li jippermetti ir-"road holding capability" taghhom. Mill-esperjenza personali ta' din il-Qorti, il-bends tas-Salina Coast Road jipprezentaw diffikultajiet lil diversi karozzi ta' ghamliet u marki differenti ghax dak li jkun ikun qed isuq fid-dritt b'certu speed, anki jekk mhux eccessiv, umbaghad isib liwja "hairpin" li il-vettura ma tvincihiex. Il-prezenza tal-"crash barrier" f'dik il-lokalita' bid-daqqiet li taqla' fuqha ta' sikwiet huwa indikattiv ta' dan.

Hu ghalhekk necessarju li f'dik il-bend, sewwieq inaqqas il-velocita' anki inqas mill-massimu regolamentari jekk hemm bzonn, b'mod li jipperemetti il-vettura li jkun qed isuq li tinnegozja il-bend qawwija li hemm. Jekk ma jaghmilx dan, facilment jista' jsib li l-karozza ma tobdiehx meta jigi biex idur, ghax ir-"road holding capability" taghha ma tippermettilux li jkompli idur, u jispicca isib ruhu sejjer bla ma jrid ghal gol-barrier "at a tangent', kif gara lill-appellant.

Ikkunsidrat, li "speed jista" jkun eccessiv anki jekk ma jiskorrix il-limiti regolamentari ghal dik il-lokalita' izda jiskorri dawk dettati mill-prudenza u mill-fatturi ambjentali tal-mument." (App. Krim. Pol. vs. R. Bugeja 30.6.62). Jidher li f'dan il-kaz l-speed tal-vettura misjuqa mill-appellant kien ghola minn dak li jippermetti il-car li kien qed isuq biex izomm fuq il-korsa ippjanata taghha fuq il-karreggjata u kien dan li wassal biex hu tilef il-kontroll tal-vettura u ma setax izommha milli tibqa' tixkana taht il-brakes lejn il-barrier "at a tangent" mat-triq taht il-qawwa tac-"centrifugal force" li kienet qed tispingiha f'dik id-direzzjoni. Il-fatt li l-car spiccat "total loss" ghalkemm mhux necessarjament jindika speed gholi hafna, lanqas ma hu kompatibbli ma xi speed baxx hafna!

Ghalhekk fil-fehma tal-esponent, dan kien jikkostitwixxi "sewqan bla kont" u jirrendi lill-appellant responsabbli ghall-feriti gravi kagjonati fuq il-persuna ta' David Borg u ghall-hsara fil-crash barrier ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta. Dwar din tal-ahhar pero' l-ewwel Qorti ma iddecidietx., pero' dwar dan m'hemmx appell la mill-appellant u lanqas mill-Avukat Generali.

Lanqas ma jista' jinghid li David Borg ikkontribwixxa ghall-incident, sempliciment ghax kienet marret ghajnu bih bhala rear seat passenger. Borg ma kellux il-kontroll tal-vettura f'idejh. Kien passiggier u bl-irqad tieghu zgur li b'ebda mod ma fixkel lill-appellant fis-sewqan tieghu . Il-gwida tal-vettura kienet biss f'idejn l-appellant u hadd aktar u s-sikurezza tal-passiggieri kienet tiddependi fuq kif kien qed isuq hu u mhux fuq jekk il-passiggieri tieghu kienux reqdin jew imqajjmin. Ghalhekk dan l-aggravju mhux fondat.

Illi dwar il-piena, din tidher li hija entro il-parametri dettalji mill-ligi li skond l-art. 226 (1) (a) tal-Kodici Kriminali ghall-ferita gravi involontarja li iggib maghha il-konsegwenzi indikati fl-art. 218 tal-istess Kodici kif jirrizulta li gabet f'dan il-kaz, tahseb ghall-massimu ta' multa ta' elf lira Maltin (LM1000) u zgur li ma hix sproporzjonata, specjalment konsidrati in-natura tal-feriti li sofra David Borg u l-fatt li seta' anki miet b'dawn il-feriti, kieku ma sarx l-intervent kirurgiku li sar tempestivament. Il-periodu tas-sospensjoni huwa il-minimu li setghet taghti il-Qorti skond l-art. 15 (2) fil-kaz ta' sewqan bla kont jew ta' "traskuragni kbira" li rrizultat f'dan il-kaz.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma is-sentenza appellata.

J. Galea Debono.
18.4.02.